**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Il-25 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Formulazzjoni tas-Sotto-Kumitat għal Jum il-Qrendi 2015**
4. **Formulazzjoni tas-Sotto-Kumitat għall-attivita' kulturali Passa a Tempi**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-25 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-23 u l-24 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 27/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015.**

2.2 Inqrat Memo 28/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 28/2014 – Nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa mill-Kummissjoni Elettorali dwar ir-Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, 21 t'Ottubru 2014.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kunċert tal-*Malta Cultural Institute* – Il-Ħadd 2 ta' Novembru 2014.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **L.S. 441.04 – Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (Avviż Legali Numru 119 tal-2002) – permessi *specimen* li joħorġu Kunsilli Lokali.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Archives Awareness Week 2014* – 12-24 ta' Novembru – poster u programm.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit mill-*Kite Group – "terror's footprints – Shadows of International Terrorism over Malta"* – tnedija tal-ktieb – l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***NaraCamicie Fashion Sale* b'riżq il-*Malta Community Chest Fund.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2014.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Cricket Open Day* fil-Marsa Sports Club – is-Sibt 29 ta' Novembru 2014.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Neonatal Paediatric Intensive Care Unit (NPICU) Awareness Campaign.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joan Mangion għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2013 Part II – Kultura.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Memo 17/2013: Live Streaming.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Memo 4/2014: Financing of Libraries Scheme.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Sport Schedules: Memo 25/2014.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Skema 25/2014 – Sports.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Gvern Lokali, bit-titlu ***Melita Internet Connection – Payment of Bills.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Applications Received – Cultural Activities Scheme Part 1 – VERY URGENT.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Grech għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru 865/14 – Korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali – Ħal Kirkop.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali għall-Krejnijiet, *Tower Cranes* u Gabbani.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave – treat as urgent.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Vacation and Sick Leave Records for Your Personal File.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Appraisals* għas-Sena 2014.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No 328/14 – Uploads* tar-Rapporti – Il-Qrendi.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Appointment of New Local Government Auditors.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***PPP Resurfacing* tat-Toroq.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Indicators Pilot Project – To develop 3***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Performance Indicators.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ESF 4.181 Circular Update.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Seminar and Presentation Event of the Training Needs Analysis (TNA) Report – MT04/1.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Procedure of Attendance: PCD Award in Public Management and Governance at Local Level (EQC/MQC Level 5).***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Papagiorcopulo*, Project Manager, ESF 4.181 – "Improving Public Management and Governance at Local Level,"* bit-titlu ***Commencement of Training Programme – Marsa Local Council.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace bit-titlu **Laqgħat fejn jiġu mistiedna l-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 65/2014 – Proġett SEEMORE – Seminar dwar Mobilita' Sostenibbli u t-Turiżmu.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 66/2014 – Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki, 7 u 8 ta' Novembru 2014 fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 67/2014 – Mitluba Informazzjoni Importanti mill-Kunsilli Lokali.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LGA Circ 69/2014 – National Volunteer Award 2014.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 71/2014 – *Beach Clean Up* fil-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa fit-22 ta' Novembru 2014.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 72/2014 – Kunsilli Skolastiċi.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 73/2014 – Rapport dwar il-ħela tal-ikel.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa mal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **'Tisjir mill-Qalb' b'risq il-*Malta Community Chest Fund.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Louis Degaura, mis-Segretarjat tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Sustaining Continuous Improvement Efforts for CAF User Organisations: The CAF User Scheme.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Gwardjani Lokali.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa Reġjonali – 28.10.14.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Spettaklu tan-Nar Reġjonali – 28 ta' Novembru 2014.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Inizjattiva tar-Reġjun Nofsinhar – Għotja ta' AED.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Rotta tal-Gwardjani Filgħaxijiet.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **CCTV – Infurzar Lokali.**

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa Urġenti – nhar it-Tlieta 04.11.14.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Attivitajiet Kulturali.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Konferenza Annwali ta' ANSEK – 27 ta' Novembru 2014.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Duncan Hall, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, bit-titlu ***Tourist Information Office.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francesca Camilleri, għas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu ***Żurrieq Half Marathon 2014.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse*, bit-titlu ***World Diabetes Day.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabelle Mallia, *Youth Worker/European Yout Card Officer,* bit-titlu **Proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ.**

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sefora Grech mill-*President's Foundation for the Well-Being of Society*, bit-titlu ***President's Foundation Meeting 14th November.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – Qrendi LC.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk,

bit-titlu **GAL Xlokk AGM 2014.**

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – GAL Xlokk Project.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A5 – Bilateral meetings.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Latest Publicity Guidelines.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tanya Zahra, *Events & Sports Programme Coordinator* tal-Kunsill Malti għall-Isport, bit-titlu ***LC Scheme: After School Primary.***

2.63.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-aħjar inkellmu lis-Surmast tal-Iskola Primarja sabiex naraw meta se jsiru dawn l-attivitajiet.

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mandy Baldacchino mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bit-titlu ***Request for List of Entities.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of Road Race in Qrendi.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Carabott minn Transport Malta, bit-titlu ***Manhole and Tarmac.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul minn Transport Malta, bit-titlu ***Road Works During Christmas Period.***

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Daniela Melanie Borg minn Transport Malta, bit-titlu ***Seminar on Roadside Trees, 5th December 2014.***

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise-Mariella Farrugia, *Regional Development Agent – LEAP Project*, bit-titlu ***South East General Assembly, LEAP! Project.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lino Vassallo, *Manager Jobs+* fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi, bit-titlu **Użu ta' Kompjuters mill-Pubbliku.**

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Scicluna mit-*Transport Planning Unit* tal-MEPA, bit-titlu ***Statement of Urban Improvement Fund.***

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Projects Assistant Officer* fl-*NCPE*, bit-titlu ***Mentoring Programme – Information Session.***

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Kathleen Sammut, *Mentoring Programme Promoter* fl-*NCPE*, bit-titlu ***Mentoring Programme.***

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis–Sur Matthew Giordmaina mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', bit-titlu ***Change of date for meeting between KNPD chairman and Qrendi Mayor.***

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis–Sa. Nicolette Bugeja mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', bit-titlu **Konferenza Nazzjonali tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilita'.**

2.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Miriam Schembri, Koorinatriċi Aqra Miegħi/*Read with Me*, bit-titlu **Aqra Miegħi/*Read with Me.***

2.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sinjuri Mary Rose Bartolo u Allison Zammit Said bit-titlu ***Invitation for collaboration with Local Councils.***

2.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Casingena bit-titlu ***Photoshoot by the Pillbox at* Wied iż-Żurrieq.**

2.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gabriel Cassar bit-titlu **Mill-Pjazza għall-Providenza – Grupp Żgħażagħ Kirkop.**

2.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Daniela Gouder bit-titlu **STAMPAKELMA – Dizzjunarju bl-istampi, uniku fil-ġeneru tiegħu.**

2.81 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Pullicino minn *Transient Light and Sound*, bit-titlu ***Transient Ltd. Light & Sound.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.81.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna naċċettaw il-kwotazzjoni ta' €519.20 sabiex jintrama' s-sound f'ċertu toroq tal-Qrendi bejn il-15 ta' Diċembru 2014 u l-1 ta' Jannar 2015.

2.82 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Norman Cristina bit-titlu **M&BMS.**

2.83 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Trevor Zahra bit-titlu **Presepji u Bambini.**

2.84 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Nicholas Barbara, *Project Manager LIFE+ Malta Seabird Project*, bit-titlu ***LIFE Malta Seabird Project – request to affix sign at*** **Wied iż-Żurrieq.**

2.85 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Cassar bit-titlu ***Bad Job.***

2.86 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Zammit bit-titlu **Slielem f'Wied iż-Żurrieq.**

2.87 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gordon Cutajar bit-titlu **Wied Żurrieq.**

2.88 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Alicia Ciancio bit-titlu ***Wedding.***

2.89 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kenneth Bugeja bit-titlu ***Christmas Crib 2014.***

2.90 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ronald Falzon bit-titlu ***An Indoor Airshow for the Qrendi Community.***

2.91 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mersia Mackay bit-titlu ***Change in Door Numbering.***

2.92 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Schembri bit-titlu **Triq Ħaġar Qim *Street Lighting.***

2.92.1 Is-Sindku qal li kif imxejna f'każijiet simili, l-ewwel isiru l-bozoz li huma ta' priorita' u bozoz oħra jsiru skont il-bżonn.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.93 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjuri Stanley u Moira Magro u Mark u Charlene Abela dwar talba għal bozza ġdida fi Triq Manwel Sciberras.

2.93.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mat-talba ta' dawn ir-residenti u se tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni mal-Enemalta.

## 3. FORMULAZZJONI TAS-SOTTO KUMITAT GĦAL JUM IL-QRENDI 2015

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Viċi Sindku Charles Zerafa se jkun qiegħed jippresiedi dan is-sotto kumitat.

3.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li jekk għandu jsir sotto kumitat, isir kemm għal Jum il-Qrendi 2015 u l-attivita' kulturali *Passa a Tempi* kif ukoll għal Ġieħ il-Qrendi 2015 u mhux isiru tnejn differenti.

3.3 Spjega kif il-ġimgħa d-dieħla għandha ssir l-ewwel laqgħa ta' formulazzjoni għal dan is-sotto kumitat li għaliha se jkunu preżenti hu flimkien mal-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud.

3.4 Żied li fl-opinjoni tiegħu tkun ideali jekk nerġgħu nistiednu lill-membri tas-sotto kumitat tas-sena li għaddiet, jiġifieri s-Sinjuri Joe Cutajar u Maria Magro.

3.5 Is-Sindku qal li fil-bidu l-aħjar jiltaqgħu l-Kunsillieri li se jkunu qegħdin jieħdu ħsieb dawn l-attivitajiet u joħorġu bl-ideat dwar kif jista' jkun organizzat Jum il-Qrendi 2015.

3.6 Il-Viċi Sindku qal li l-applikazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi 2015 se jinħarġu nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014 u jagħlqu l-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2015.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. FORMULAZZJONI TAS-SOTTO KUMITAT GĦALL-ATTIVITA' KULTURALI PASSA A TEMPI

4.1 Il-formulazzjoni ta' dan is-sotto kumitat diġa' ġiet diskussa f'Minuta 3 ta' dawn l-istess Minuti.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-ktieb li se jiġi ppubblikat b'rabta ma' Miżura 313.

4.1.1 Qal li dan il-ktieb se jkun imnhiedi fl-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi 2015.

4.2 Is-Sindku tkellem dwar DVD li se jiġi maħdum b'rabta ma' Miżura 313.

4.2.1 Qal li fil-preżent qiegħed isir l-editjar fuq dan id-DVD u se jservi bħala nibxa ta' dak li toffri l-lokalita' tagħna u għaldaqstant iħeġġeġ lin-nies iżuru l-Qrendi.

4.3 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 125 tal-GAL Xlokk u qal li l-Kunsill Lokali oġġezzjona fuq it-total ta' fondi li se ningħataw minħabba li dawn ma jkoprux iż-żewġ sqaqien imma sqaq wieħed biss.

4.3.1 Qal li issa wasalna f'pożizzjoni li rridu nieħdu deċiżjoni: jew li l-Kunsill Lokali joħroġ il-bqija tal-fondi sabiex isiru ż-żewġ sqaqien jew inkella jirtira minn din il-Miżura partikolari.

4.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega s-sitwazzjoni finanzjarja preżenti tal-Kunsill Lokali u evalwa s-sitwazzjoni jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jiddeċiedi li jibqa' miexi 'l quddiem b'din il-Miżura.

4.3.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jirtira minn Miżura 125.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

4.3.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Kunsill Lokali jrid iħares lejn alternattivi oħra ta' toroq li jista' jagħmel fil-lokalita' u semma' Triq il-15 t'Awwissu li parti minna għadha trid tingħata t-tarmak.

4.4 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċiklun li ħakem lill-gżejjer Maltin nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru 2014.

4.4.1 Qal li sfortunatament ir-raħal tal-Qrendi kien milqut ħażin minn dan iċ-ċiklun b'mod speċjali ż-żona ta' Wied iż-Żurrieq.

4.4.2 Żied li kemm dakinhar taċ-ċiklun kif ukoll l-għada s-Sibt, saret ħidma intensiva min-naħa tal-Kunsill Lokali sabiex jiġu mneħħija l-perikli kif ukoll jiġu evitati l-inċidenti.

4.4.3 Qal li ddispjaċieh li mhux kull Kunsillier involva ruħu b'mod sħiħ meta kien hemm bżonn.

4.4.4 Spjega kif il-balavostri tal-belveder f'Wied iż-Żurrieq se jkunu qed jiġu rranġati mill-*Public Works.*

4.5 Is-Sindku tkellem dwar il-bus xelter li sar fi Triq Rokku Buhagiar.

4.5.1 Qal li dan il-bus xelter kien approvat fl-2012 wara li għadda minn diversi kriterji maħruġa mill-MEPA, minn Transport Malta kif ukoll mill-KNPD.

4.6 Is-Sindku tkellem dwar l-iskips li għandna madwar il-lokalita'.

4.6.1 Qal li l-iskips fi Triq Dwardu Borg kif ukoll ta' Triq Filippu Zammit mhumiex jintużaw sewwa u qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ madwarhom.

4.6.2 Is-Sindku staqsa xi tkun l-aħjar deċiżjoni f'dan il-każ: jekk għandniex inżidu aktar skips jew inkella nneħħux kollox.

4.6.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fl-opinjoni tiegħu aħjar inneħħu kollox għax jekk kemm-il darba se nżidu l-iskips se nkunu qegħdin inżidu l-ħmieġ u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

l-problema tkompli tikber.

4.6.4 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li hi tal-idea li għallinqas jitnaqqsu u mhux jitneħħew għal kollox.

4.6.5 Is-Sindku ppropona li fil-preżent għandna nżidu skip fi Triq Dwardu Borg u jekk naraw li xorta waħda n-nies baqgħet tħammeġ inneħħu l-iskips kollha.

4.6.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għaldaqstant se jingħata perjodu ta' xahrejn ċans qabel tittieħed deċiżjoni finali.

4.7 Is-Sindku tkellem dwar il-ktieb ippubblikat mill-Professur Frans Ciappara, *"The Social and Religious History of a Maltese Parish – St. Mary's Qrendi in the Eigtheenth Century."*

4.7.1 Qal li l-Professur Ciappara jixtieqi li dan il-ktieb jiġi mnhiedi fil-Qrendi stess.

4.7.2 Żied li l-Kunsill Lokali ppropona li dan il-ktieb għandu jiġi mnhiedi fil-bidu ta' Jannar 2015 u f'din it-tnehdija jitkellmu l-Professur Dun Manwel Agius kif ukoll Dr Alfred Bonnici.

4.7.3 Spjega kif issa se jintbagħtu l-inviti għal din it-tnhedija mill-Universita' ta' Malta.

4.8 Is-Sindku tkellem dwar filming li sar mill-kumpanija Take 2 nhar is-Sibt li għadda.

4.8.1 Qal li din id-darba l-produtturi tal-film użaw Misraħ Santa Marija, quddiem il-każin tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes.

4.9 Is-Sindku tkellem dwar żjara li saret minn ġurija magħmula minn membri ta' Din l-Art Ħelwa sabiex Misraħ il-Maqluba jintgħażel bħala destinazzjoni ta' sbuħija u eċċellenza fil-gżejjer Maltin.

4.10 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-fondazzjoni mwaqqfa mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u li se tkun qiegħda tieħu ħsieb ir-restawr ta' Torri

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Xutu f'Wied iż-Żurrieq.

4.11 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena u qal li dan ir-restawr kważi tlesta.

4.11.1 Qal li sal-ewwel jiem ta' Diċembru 2014 l-istatwa se tkun lesta minn kollox imbagħad l-attenzjoni tintefa' fuq l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab quddiem il-Knisja Parrokjali.

4.11.2 Spjega kif il-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li din l-istatwa tkun lesta sakemm naslu għall-festa tal-Madonna ta' Lourdes 2015.

4.11.3 Is-Sindku qal li meta wieħed iħares fid-dettall lejn l-istatwi li diġa' saru jinduna kemm ix-xogħol sar b'dedikazzjoni u b'reqqa liema bħalha.

4.11.4 Qal li wara l-istatwa ta' Santa Marija jkun fadal dik ta' Santu Rokku fi Triq il-Parroċċa u nittamaw li dawn iż-żewġ statwi jkunu lesti sa Ġunju 2015.

4.12 Is-Sindku tkellem dwar il-problema preżenti li l-Kunsill Lokali għandu mal-kumpanija Europe Direct.

4.12.1 Qal li din il-kumpanija kienet rebħet tender maħruġ mill-Kunsill Lokali sabiex isir studju u ktieb dwar il-lokalita' u l-Kunsill diġa' ħallas is-somma ta' €7,500 għal dan ix-xogħol.

4.12.2 Qal li fadal jitħallsu €7,500 f'dan it-tender imma l-Kunsill Lokali ma jridx joħroġ dawn il-flus minħabba lix-xogħol li kien sar mhuwiex tal-livell mixtieq.

4.12.3 Il-Kunsill Lokali, wara li ħadna parir mingħand l-Aġenzija tal-Pagamenti, tkellimna mal-kumpanija Europe Direct u jidher li fil-preżent ma jridux jaċċettaw il-proposti mressqa mill-Kunsill Lokali.

4.12.4 Is-Sindku qal li se nkunu qegħdin nippruvaw nagħmlu laqgħa b'urġenza din il-ġimgħa mal-kumpanija Europe Direct sabiex niddiskutu s-sitwazzjoni f'aktar dettall.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.13 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jippjana sabiex jorganizza ġurnata oħra għal Għawdex nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru 2014.

4.13.1 Is-Sindku qal li bi pjaċir jinnota lin-nies qegħdin jieħdu nteress partikolari sabiex imorru Għawdex u dan minħabba li hemm diversi nies li diġa' bdew jistaqsu meta se mmorru.

4.13.2 Il-Viċi Sindku qal li l-ġurnata Għawdex hija ppjanta għas-Sibt sabiex inkunu nistgħu nżuru l-presepju ħaj ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

4.14 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ġurnata Sqallija organizzata mill-Kunsill Lokali nhar is-Sibt 1 ta' Novembru 2014.

4.14.1 Qal li jidher li din il-ġurnata kienet oħra ta' suċċess u n-nies li attendew ħadu gost ħafna.

4.15 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li qiegħda tipprova torganizza ħarġa għat-tfal għal dawn iż-żminijiet ta' festi.

4.15.1 Qalet li tkellmet mal-Eden Century Cinemas kif ukoll ma' Gallarija sabiex jagħtuna prezzijiet għal film tat-tfal.

4.15.2 Qalet li l-Eden Century Cinemas iżommu €6.50 ta' film, popcorn u drink, filwaqt li film 3D jkunu jridu jitħallsu €8.50.

4.15.3 Min-naħa l-oħra qalet li Gallarija tawna offerta ta' €4 fejn jaraw film kif ukoll jieħdu popcorn u drink.

4.15.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nippruvaw norganizzaw din il-ħarġa għat-tfal u se jmorru jaraw film Gallarija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €17,404.81c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/14 u €59.76c skont il-*Petty Cash* Ref R/10.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta’ Diċembru 2014 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon** — **Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri** — **Sindku**